**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 13 ta' Lulju 2023**

**Rikors Kost. Nru. 127/2022 GM**

**Hertur Developers Limited C 25763**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Hertur Developers Limited C 25763 li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Hekk kif jirriżulta mid-dokumenti hawn meħmuża Dok. 555512021 hawn annessa, s-segretarju tal-kumpanija ġie notifikat bl-ittra uffiċjali tas-17 ta' Diċembru 2021, Dokument HDL1 hawn anness.

2. Fl-imsemmija ittra, l-esponenti ġew imwisija li jekk jonqos milli jħallas l-imsemmi ammont il-Kummissarju tat-Taxxi kien ser jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ottjenut ai termini tal-artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa ( Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. L-Avviż tal-Ħlas ma ġiex notifikat la lid-diretturi Joseph Bonello, Rita Spiteri, u/jew Anthony Spiteri, imma l-ittra allegatament intbgħatet fid-dar ta' Carmel Bonello, f'Collonades, Triq is-Sejjieħ, Swieqi, u mhux fir-Registered Office tal-Kumpanija f'50, St. George's Road, San Ġiljan, u/jew lid-Diretturi tal-istess soċjeta'.

4. Għalhekk l-ittra tal-25 ta' Ottubru 2018 mhix notifika valida skont il-Liġi stante illi Carmel Bonello li joqgħod fil-fond imsemmi ma rċeviex l-istess ittra kif allegat, u fi kwalunkwe każ huwa mhux direttur tas-soċjeta' rikorrenti.

5. Ir-rikorrenti sabu lilhom nfushom affaċċjati b'ittra uffiċjali kif fuq msemmija qabel ma saret in-nota b'talba għall-ħlas ai termini tal-Liġi.

6. Id-Diretturi tal-Kumpanija llum kollha rriżenjaw: Joseph Bonello fil-31 Awwissu 2020; Rita Spiteri fit-28 ta' Awwissu 2020, u Anthony Spiteri fit-2 Frar 2021, kif jirriżulta mill-Malta Business Registry.

7. Għalhekk illum is-soċjeta' mhix legalment kostitwita u l'ebda notifika valida ma jista' jingħad li saret ai termini tal-Liġi.

8. Illi inoltre skont l-Artikolu 40 tal-Kap. 372 huwa biss wara li l-Kummissarju jinnotifika lill-persuna ntaxxata b'att ġudizzjarju li mbagħad ikun jista' jipproċedi għall-infurzar tal-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv;

9. Il-każ odjern ma jinkwadrax ruħu taħt l-estremi tal-Artikolu 40 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta u t-titolu eżekuttv ħareġ b'mod illi huwa għal kollox illegali u abbużiv u dan partikolarment peress li l-esponenti lanqas biss ġie notifikat bin-Nota skont kif tirrikjedi l-liġi, iżda sar jaf biha biss dakinhar li rċieva d-Dok HDL1.

10. Hemm raġunijiet validi skont il-liġi illi għalihom t-titolu eżekuttiv għandu jiġi mħassar oltre illi f'dan l-istadju kwalsiasi ammont mitlub huwa preskritt;

11. Il-penali u multi mhux dovuti skont il-Liġi.

12. Mingħajr ħsara għas-suespost l-proċedura illi segwa l-intimat sabiex jotjeni titolu eżekuttiv imsemmija hija leżiva tad-dritt tal-esponent għal smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem stante illi nħareġ att eżekuttiv u titolu eżekuttiv kontra r-rikorrenti mingħajr ir-rikorrent ma ġie mogħtija kwalsiasi sembjanza ta' dritt xieraq;

13. Mingħajr preġudizzju għas-suespost it-titolu eżekuttiv imsemmi huwa null stante illi nħareġ taħt l-Artikolu 40 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu huma leżivi tad-dritt fondamentali tal-esponenti għall-proprjeta' (Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta) għaliex joħolqu piż eċċessiv fuq ir-rikorrenti;

14. Ħafna mill-ammonti pretiżi huma preskritti skont il-Liġi.

15. Ma hix qed issir jew tintalab dikjarazzjoni jew rimedju ta' vjolazzjoni ta' dritt fondamentali f'dan l-istadju għaliex qed jiġi eżerċitat ir-rimedju ordinarju; iżda qed issir id-debita riserva;

16. Dawn l-affarjiet l-esponenti jafu bihom personalment;

17. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-ittri uffiċjali mibgħuta mill-Kummissarju tat-Taxxi tas-17 ta' Diċembru 2021 (555512021) kontra l-esponenti ma jikkreawx fil-konfront tal-esponenti titolu eżekuttiv, stante li r-rikorrenti qatt ma ġew notifikati bin-Nota kif mitlub fl-Artikolu 59(2) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tħassar u tirrevoka, fil-konfront tal-esponenti, l-effetti kollha tal-ittri uffiċjali mibgħuta mill-Kummissarju tat-Taxxi tas-17 la' Diċembru 2021 Nru. 555512021, peress li l-intimat ma segwiex il-proċeduri stabbiliti mil-liġi; Sussegwentement tiddikjara l-pretensjoni tal- Kummissarju tat-Taxxi hekk kif dedotta fl-ittra uffiċjali imsemmija flimkien mat-talba għall-ispejjeż għall-preżentata ta' dak l-att, bħala preskritta u dan taħt l-Artikolu 31 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; U dana kollu taħt dawk it-termini, il-pattijiet u kundizzjonijiet oħra illi dina listess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni illi timponi fiċ-ċirkostanzi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari, ir-rikors promotur huwa irritu u null stante li ma huwa bbażiat fuq l-ebda dispożizzjoni tal-liġi - fil-fatt permezz tal-Ittra Uffiċjali numru 5555/21, l-esponent ipproċeda sabiex jeżegwixxi titolu eżekuttiv kontra s-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Kap. 372 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, liema titolu eżekuttiv ġie ottjenut bin-notifika tal-'Avviż ta' Talba għal Ħlas' datat 25 ta' Ottubru 2018;

2. Fit-tieni lok ukoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindaka l-ittra uffiċjali numru 5555/21 liema sindakar jista' jsir biss a tempo debito u skont il-proċedura stipulata bl-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta); F'dan l-istadju l-liġi tipprovdi biss għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ġia ottjenut u ma tistipula l-ebda proċedura oħra sabiex tiġi kontestata l-imsemmija eżekuzzjoni ta' dana t-titolu eżekuttiv, u fil-fatt il-kawża odjerna ma saret abbażi tal-ebda artikolu fil-Liġi;

3. Fit-tielet lok u wkoll in linea preliminari, l-ammonti reklamati fl-ittra uffiċjali mhumiex preskritti taħt l-Atti dwar it-Taxxa (Kapitoli 723 u 372 tal-liġijiet ta' Malta),

u wisq anqas taħt l-Artikolu 31 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. Fir-raba' lok u dejjem in linea preliminari, l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi hija insostenibbli stante li l-Artikolu 59(2) tal-Kapitolu 406 ma japplikax għal każ odjern;

5. Fil-mertu, l-ittra uffiċjali numru 5555/2021 hija valida u maħruġa mill-esponent Kummissarju tat-Taxxi skont il-liġi u t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

6. Il-proċedura li segwa l-esponent sabiex jottjeni titolu eżekuttiv fil-konfront tal-ammonti dovuta lilu mis-soċjeta' rikorrenti u kif ukoll sabiex jirrendi tali titolu eżegwibbli, mhijiex waħda li tilledi d-drittijiet fundamentali tal-istess soċjeta' u dan kif sejjer jirriżulta fil-mori tal-kawża, speċjalment in vista li s-soċjeta' naqset milli tiddikjara d-dħul tagħha għal dawn l-aħħar għoxrin sena;

7. Għalhekk it-talbiet kollha tas-soċjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif sejjer jiġi pruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni.

a. Is-soċjeta' rikorrenti naqset milli tiddikjara d-dħul tagħha għas-snin ta' stima 2001 u 2002 għalhekk l-esponent Kummissarju tat-Taxxi kien pproċeda bil-ħruġ ta' stejjem (assessments) ta' taxxa fil-konfront ta' Hertur Developers Limited għal tali snin ta' stima. Wara l-ħruġ tal-istejjem hawn fuq imsemmija ma saret l-ebda oġġezzjoni fiż-żmien stipulat mil-liġi u llum tali stejjem huma finali u konklussivi;

b. Għas-snin ta' stima 2005 sal-2017 is-soċjeta' rikorrenti naqset milli tissottometti l-formoli tat-taxxa sabiex tiddikjara d-dħul tagħha, kif obbligata tagħmel skont il-liġi u għalhekk l-esponent Kummissarju ipproċeda sabiex joħroġ stimi (estimations) skont l-Artikolu 31(3) tal- Kap 372 tal-liġijiet ta' Malta;

c. Is-soċjeta' rikorrenti għandha dejn ta' wieħed u sebgħin elf, mija u tnejn u ħamsin Euro (€71,152) rappreżentanti taxxa, interessi u taxxa addizzjonali dovuti lill-esponent;

d. Peress li r-rikorrenti baqa' inadempjenti fil-ħlas tal-bilanċ imsemmi, fil-25 ta' Ottubru 2018 l-esponent ħareġ 'Avviż ta' Talba għall-Ħlas' fir-rigward l-imsemmi bilanċ kontra Hertur Developers Limited, skont l-Art. 44 (2A) (ċ) tal-Kapitolu 372;

e. Tali 'Avviż' ġie notifikat lis-soċjeta' Hertur Developers Limited wara pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u fit-Times of Mafta fit-18 ta' Diċembru 2018 u fit-18 ta' Diċembru 2018 rispettivament, kopji ta' liema qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. KTI 1' u 'Dok. KTI 2';

f. Ladarba l-imsemmi 'Avviż' ma ġiex ikkontestat mis-soċjeta' rikorrenti, l-esponenti ottjena titolu eżekuttiv kontra r-rikorrent u għaldaqstant il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ ittra uffiċjali numru 5555/2021, sabiex jirrendi t-titolu eżekuttiv ottenut minnu sa mis-sena 2018 eżegwibbli.

8. Il-proċedura li segwa l-esponent sabiex jottjeni titolu eżekuttiv fil-konfront tal-ammonti dovuta lilu mis-soċjeta' rikorrenti u kif ukoll sabiex jirrendi tali titolu eżegwibbli, mhijiex waħda li tilledi d-drittijiet fundamentali tal-istess soċjeta' speċjalment in vista li s-soċjeta' naqset milli tiddikjara d-dħul tagħha għal dawn l-aħħar għoxrin sena, kif sejjer jirriżulta fil-mori tal-kawża odjerna;
9. Għalhekk it-talbiet kollha tas-soċjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif sejjer jiġi pruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni.

## Il-Kawżali

Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni.[1]

Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni. Mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni.[2]

Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun *extra petita*.

B'danakollu, wieħed irid joqgħod attent xi jfisser bil-kelma "kawżali". Il-*causa petendi* hija r-raġuni ġuridika; il-*fundamentum agendi*[3], *ossia* l-oriġini tad-domanda.[4] Aubrey et Rau jiddefenuha bħala: "*il fatto giuridico che costituisce il fondamento diretto ed immediato del diritto o del beneficio legale, che una delle*

[1] Kollez. Vol. XLIX.PI.p406; Qorti (Tal-appell kolleggjali) fil-kawża Micallef v. Mizzi, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012:
[2] Kollez. Vol XXXIV.PI.p85
[3] Leonard v Sammut 01.10.1887 XI.401 Qorti tal-Kummerċ
[4] Emma Scicluna v Mary Xuereb 20.02.1967 .....ii.792; Voet, *Ad pandectas*, Lib. 44, tit. 2, para 4 iċċitat f' De Ruggero v Malfiggiani 01.04.1867 Prim'Awla Vol IV.76 ; Emmanuele Camilleri v Giovanni Abdilla 26.10.1935 XXIX.ii.698 (Imħ. William Harding)

*parti fa valere per via di azione o di eccezione*".[5] Dina d-definizzjoni ġiet imfaħħra mil-Laurent, bħala l-iktar preċiża.[6]

Fl-Ingilterra, il-Lord Justice of Appeal, il-Baruni Kenneth Diplock, esprima l-fehma li *'a cause of action is simply a factual situation the existence of which entitles one person to obtain from the court a remedy against another person*".[7] U Lord Justice Scrutton ikkummenta li l-Qorti *"(should) consider and deal with the legal result of the pleaded fact, though the particular legal result alleged is not stated in the pleadings*".[8]

Is-setgħa li jiddetermina l-ambitu tal-oġġett tal-proċess, li jorbot lill-imħallef, tispetta lil min jipproponi d-domanda, li jeżerċitaha permezz tal-propożizzjoni tad-domanda stess, imma **iktar preċiżament biss b'dik il-parti tal-att stess li permezz tiegħu huwa jafferma jew jallega l-fatti kostituttivi jew leżivi** (din hija l-*causa petendi*) eskluż b'danakollu dik il-parti tal-att li permezz tagħha dawk il-fatti huma riferiti għal normi ġuridiċi. Dan l-eżerċizzju huwa riżervat għall-imħallef, huwa **ħieles li japplika dawk in-normi tad-dritt li jidhirlu li huma l-iktar addattati għall-każ konkret.** Huwa jagħtihom il-kwalifikazzjoni ġuridika, jew in-*nomen iuris*.

Il-pożizzjoni tal-kodiċi ta' proċedura Franċiż attwali, kif imnebbaħ mill-ġurista eminenti Motulsky, iqis il-kawżali, jew il-*cause de la demande* bħala "*un complexe de faits et refuse, par suite, d'inclure dans la notion, la qualification juridique de ces faits*".[9] Skont Motulsky, ġaladarba l-fatti jkunu quddiem il-

[5] (Tomo VI p.498 para. 769)
[6](Volum XX paragrafu 63) Giuseppe Bugeja Bonnici v Dottor Andrea Pullicino 21.05.1935 Prim'Awla (Imħ. William Harding) XXIX.ii.510.
[7] Lord Diplock in re: Letang v Cooper (1965).
[8] Lord Justice Scrutton in re: Lever Bros Ltd. v Bell (1931).
[9] Motulsky, Ecrits, p. 103.

Qorti, il-Qorti tista' u għandha tislet kwalunkwe regola tal-liġi li jidhrilha li hija applikabbli, kemm jekk il-parti tkun straħet formalment fuqha kemm jekk le.

Huwa għalhekk li jingħad *jura novit curia* – il-Qorti taf id-dritt – għarfien mhux fis-sens letterali li l-Imħallef jaf il-ligi kollha, limma fis-sens li "tista' tieħu konoxxenza tiegħu"; billi l-imħallef jista' jagħżel in-norma applikabbli, independentement minn jekk tkunx ġiet invokata jew le mill-parti nteressata.

Dan kollu jfisser, fil-prattika, li l-imħallef irid jiddeċiedi fuq il-fatti **kollha** allegati jew affermati fid-domanda, u fuqhom **biss** (judex secundum alligata judicare debet); imma għal dawk il-fatti jista' japplika n-normi ta' dritt (jagħti n-*nomen iuris*) li jidhirlu li huma l-iktar addattati, kemm jekk ikunu indikati fid-domanda sew jekk le, għar-rapport sostanzjali dedott fil-ġudizzju. L-imħallef huwa marbut bil-fatti allegati filwaqt li huwa ħieles rigward in-normi. Hekk jekk fid-domanda jingħad li huma applikabbli n-normi ta' rilaxx tal-inkwilinat, l-imħallef jista' jiddeċiedi li huma applikabbli n-normi tal-kommodat u, abbażi ta' dawn in-normi, jilqa' jew jiċħad id-domanda.

Il-konfini ġusti bejn il-*causa petendi* u n-*nomen iuris* jirriżultaw b'mod ċar f'kawża ta' nofs is-seklu għoxrin, *Miller v Galea.* Fis-17 ta' Ġunju 1952, il-kontendenti, it-tnejn impjegati tal-Gvern, kienu Għawdex in konnessjoni mal-impjieg tagħhom. Wara x-xogħol (almenu hekk qalu) ħarġu jagħmlu dawra flimkien. *Galea* kellu kamera tar-ritratti. Meta kienu ħdejn il-Knisja ta' Pinu, Miller sema' twerżiqa żgħira ġejja minn ġurdien ġo ħajt magħfus minn serp. Ikkonvinċa lil Galea jagħtih il-kamera biex jiġbed ritratt, għax qallu li bih jagħmlu l-flus. Fil-fatt kiseb somma mingħand il-pubblikazzjoni *Tempo.* Iżda mbagħad irrifjuta li jaqsamhom ma' Galea. Galea fetaħ kawża lil Miller, abbażi tal-Art. 616 (illum Art. 579 tal-Kap 16) tal-Kodiċi Ċivili (hekk imsejħa regola tal-ispeċifikazzjoni). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu allega li r-ritratt kien

tiegħu abbażi tal-liġi tal-copyright. L-ewwel Qorti qalet li ma setgħetx tieħu konjizzjoni tat-talba fuq il-"kawżali l-ġdida" għaliex altrimenti tkun qed tiddeċiedi *ultra petita.* Is-sentenza ġiet appellata. Il-Qorti tal-Appell ma qabilitx. Qalet li "dan pero` ma hux hekk; għax mhijiex kwistjoni ta' kawżali, imma ta' liġi, waħda jew oħra, li tista' tkun applikabbli jew le għall-każ in ispeċje".[10]

Fil-każ preżenti, il-kawżali hi li Avviż maħruġ taħt il-Kap 372 (taxxa tad-dħul) ma ġiex notifikat skont il-liġi. Imbagħad fit-talbiet tiegħu l-attur talab li għalhekk ma ġiex maħluq titlu eżekuttiv ai termini tal-Art. 59(2) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta (dwar it-taxxa għal valur miżjud). Il-fattispeċje huma relatati mal-validita` tan-notifika ta' Avviż taħt il-liġi tat-taxxa dwar id-dħul. It-tismija ta' liġi żbaljata ma jbiddel xejn minn din il-fattispeċje. Huwa ovvju li ċ-ċitazzjoni tal-liġi żbaljata - dik relata mal-liġi dwar il-valur miżjud – fir-rikors promotur huwa *lapsus calami;* aktarx frott tal-*cut and paste* fuq il-kompjuter. Dan m'għandux iżomm lill-Qorti, jekk ikun il-każ, li tapplika l-liġi t-tajba.

**Svolġiment kronoloġiku tal-fatti**

Il-Kummissarju tat-Taxxi ("il-Kummissarju") ħareġ *Avviż ta' Talba għall-Ħlas* kontra Hertur Developers Limited ("Hertur") **datat 25 t'Ottubru 2018** skont Art. 44(2A)(ċ) tal-Kap 372.

L-ewwel intbagħat fin-numru 50 Triq San Ġorg, San Ġiljan; l-indirizz ta' Hertur reġistrat mal-Malta Business Registry. F'xi żmien, sar re-numbering tal-bibien u minn 50, sar 115. Hertur qatt m'avżat lill-Kummissarju bir-renumbering. Fil-Malta Business Registry, l-indirizz uffiċjali ta' Hertur għadu jidher bin-numru 50.

[10] Arthur Miller v Edward Galea 09.04.1954 Qorti tal-Appell XXXVIII.i.151 preċiżament f'paġni 160-161.

Billi ma waslitx f'dan l-indirizz (numru 50), kienet mibgħuta fl-indirizz *Colonnades, Triq is-Sejjieħ, Swieqi* - l-indirizz tar-residenza ta' Carmel Bonello li kellu u għad għandu r-rappreżentanza ġuridika ta' Hertur. L-avviż xorta ma wasalx u għalhekk ġie notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni skont Art. 29 tal-Kap 372.[11] – fil-Gazzetta tal-Gvern u fit-Times of Malta t-tnejn tat-18 ta' Diċembru 2018.[12]

Fit-**12 ta' Jannar 2011** *Hertur* irreġistrat bidla fl-indirizz tagħha mal-Kummissarju, għal *Colonnades.*[13] Li huwa l-indirizz residenzjali ta' Carmel Bonello.

F'dan iż-żmien Hertur kien għad għandha t-tliet diretturi, li rriżenjaw wara:

31 t'Awwissu 2020 Carmel Bonello

28 t'Awwissu 2020 Rita Spiteri

2 ta' Frar 2021 Anthony Spiteri

Fis-**17 ta' Diċembru 2021** ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali biex tirrendi l-Avviż esegwibbli. Fi Frar 2022 Carmel Bonello ġie notifikat biha fl-indirizz *Colonnades.*

**Validita` o meno tan-notifiki**

[11] EM6 u EM7 a fol. 95-100.
[12] Fol. 95.
[13] Dok. EM3 a fol. 91.

## (a) tal-Avviż

In-notifika tal-Avviż hija rregolata mid-disposizzjonijiet tal-Art. 29 tal-Kap 372, u mhux minn dawk tal-Kap 12.

> **29.** (1) Avviż jista' jkun notifikat lil persuna sew personalment jew permezz ta' mezzi elettroniċi fl-indirizz elettroniku verifikat tiegħu jew billi jintbagħat bil-posta fl-indirizz tagħha l-aħħar magħruf tan-negozju jew privat (-omissis-) u fil-prova ta' dik in-notifika jkun biżżejjed li wieħed jipprova illi l-ittra li kien fiha l-avviż kienet ġiet indirizzata u mpustata kif jixraq:
>
> Iżda meta dik in-notifika ma sseħħx minħabba li t-*taxpayer* ma jkunx jista' jinsab jew minħabba raġunijiet oħra attribwibbli lilu u l-Kummissarju jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dak l-avviż ikun sar u li fih jistieden lit-*taxpayer* biex imur jiġbru mid-Dipartiment, dik in-notifika għandha wkoll titqies li tkun ġiet debitament notifikata.

L-Art. 29 jitkellem dwar notifika lil "persuna" irrispettivament jekk hijiex waħda fiżika jew ġuridika. Jordna li n-notifika ssir jew personalment (ħaġa li ma tistax issir fil-każ ta' enti ġuridika bħalma hi Hertur) jew billi tintbagħat bil-posta "fl-indirizz tagħha l-aħħar magħruf tan-negozju jew privat". Għall-Qorti, applikati r-regoli tal-bon sens, dan ifisser li kumpannija tista' tiġi notifikata **wkoll** fl-indirizz privat ta' min ikollu r-rappreżentanza ġuridika tagħha. Inċidentalment, ir-rikorrent jassumi (żbaljatament) li l-Art. 187(4) tal-Kap 12 japplika għall-każ preżenti. Art. 187(4)(b) japplika l-istess regola ta' bon sens. Jgħid li notifika lil korp li jkollu personalita` distinta tista' ssir f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-Art. 181A(2) li fosthom hemm dawk li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika jew l-awtorizzazzjoni biex jippreżentaw atti ġudizzjarji f'isem l-istess korp.

Għalhekk m'hemmx dubju li l-Avviż ġie ritwalment notifikat.

## (b) Tal-Ittra Uffiċjali

Għall-istess raġunijiet fuq esposti – ibbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap 12 – l-ittra uffiċjali ġiet validament notifikata.

**Preskrizzjoni**

Stima tat-taxxa kif indikata fl-Avviż setgħet ġiet attakkata fit-terminu u bil-modalita` msemmija fil-liġi. Ġaladarba Hertur m'għamlitx hekk, l-Avviż ma jista' jiġi mpunjat bl-ebda mod, lanqas permezz tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Lanqas tista' tiġi attakkata l-ittra uffiċjali li tirrendi t-titlu eżekuttiv esegwibbli.[14]

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjeż a kariku tal-istess rikorrent.

MOQRIJA

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[14] Ara Emanuel Cutajar v Kummissarju tat-Taxxi Interni 05.03.2012 Prim'Awla (Prim Imħallef S.T.O. Mark Chetcuti).